MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 960/2005

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833), George Micallef ID 374551(M), Joseph Micallef ID 355360(M) u Paul Micallef ID 258655(M)**
**vs**
**J.V.C. Vella & Co. Ltd. (C 12963)**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ippresentata mill-atturi fil-11 ta' Ottubru, 2005, li *in forza* taghha, wara li ippremettew:

Illi, in forza ta' sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' April 1996 fl-ismijiet Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs (1) Anthony Mario Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali J.V.C. Vella & Company Limited, u (2) Anthony Mario Vella (Citazz. numru 695/96GVC) is-socjeta' attrici Bank of Valletta plc. giet kanonizzata kreditrici inter alia tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' mija u sebat elef, tlett mija u wiehed u

erbghin Liri Maltin u tlettax-il centezmu (Lm 107,341.13), kwantu ghal mija u hamest elef, disa' mija u ghaxar Liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm105,910.92) sorte u kwantu ghal elf, erba' mija u tletin Lira Maltin u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm1430.21) spejjez tal-kawza skond taxxa hawn annessa u mmarkata Dok. 'A', flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mit-12 ta' Settembru 1995 sal-jum tal-pagament effettiv;

Illi, permezz tal-proceduri tas-subasta 71/99 fl-ismijiet Bank of Valletta plc. vs J.V.C. Vella & Company Limited intalab il-bejgh in subbasta tal-proprjeta' tas-socjeta' konvenuta;

Illi, c-cedola ta' depozitu numru 138/02 fl-ismijiet "MJS Properties Limited vs Bank of Valletta plc. vs J .V.C Vella & Co. Limited" li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata bhala Dok. 'B', giet depozitata taht l-awtorita' ta din il-Qorti is-somma ta' mija u hmistax-il elf Liri Maltin (Lm115,000) prezz ta' immobbli li qabel kien jappartjeni lis-socjeta' subbastata J.V.C Vella & Co. Limited liema immobbli gie mibjugh u liberat wara l-atti tas-subasta numru 71/99, fl-ismijiet "Bank of Valletta plc.
vs J.V.C. Vella & Co. Limited" Vide Dok. V1 sa V18;

Illi, fl-imsemmija cedola l-atturi kienu l-unici zewg persuni li ghamlu rikorsi sabiex jizbankaw sommom ta' flus ghall-kreditu taghhom;

Illi, il-kreditu tas-socjeta' attrici Bank of Valletta plc. huwa munit b' ipoteki li jippregradwaw dak ta' kredituri ohra, fosthom I9583/92, I19382/96, I20753/91, I6905/92, I1630/91, Dok. 'Cl sa C5';

Illi, il-kreditu ta' l-atturi George, Joseph, u Paul ahwa Micallef huwa munit b'nota ta' privilegg specjali numru 1749/2002 kif ahjar jirrizulta minn nota ta' iskrizzjoni ipotekarja hawn esebita u mmarkata Dok. 'D';

Illi, l-atturi Bank of Valletta plc. u George, Joseph, u Paul ahwa Micallef ftehmu bonarjament illi l-attrici Bank of Valletta plc. ghandha tirtira mill-ammont depozitat tas-

somma ta' mitt elf Liri Maltin (Lm100,000) u l-atturi George, Joseph u Paul ahwa Micallef ghandhom kunguntament jirtiraw ir-rimanenti hmistax-il elf Liri Maltin (Lm 15,000), u permezz ta' rikors konguntiv ipprezentat mill-atturi fis-7 ta' Dicembru 2004 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. 'E', huma talbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tawtorizzhom jirtiraw mic-cedola ta' depozitu imsemmija, l-ammonti rispettivi kif imsemmi;

Illi, b' risposta ipprezentata fis-27 ta' Mejju 2005 is-socjeta' konvenuta opponiet ghal tali zbank peress illi l-konvenuta sostniet illi il-flus li qed tirtira s-socjeta' attrici Bank of Valletta plc. m'ghandhomx jigu approprjati akkont ta' debitu illi s-socjeta J.V.C. Vella & Co. Limited ghandha taghti lil Bank of Valletta p.l.c. bhala debitrici principali, imma akkont tad-debitu tas-socjeta' Travellers Lodge Company Limited li taghha is-socjeta' konvenuta hija garanti;

Illi, l-oppozizzjoni tas-socjeta' konvenuta hija wahda li m'ghandha l-ebda fondament guridiku u hija altament abbuziva u dan ghal diversi ragunijiet fosthom;

(i) illi, l-izbank mitlub mill-atturi ma jinfluixxix il-materja ta' l-approprjazzjoni, u cioe' bl-izbank mitlub ma' jippregudikax fejn ghandhom jigu approprjati l-flus kif issostni s-socjeta' konvenuta, u cioe' jekk il-prezz rikavat mill-atturi ghandux jigi approprjat fejn il-konvenuta hija garanti jew debitrici principali, kif ukoll

(ii) ghaliex dak li qed tghid il-konvenuta hu dijametrikament oppost ma' dak li tipprovdi l-Ligi illi trid illi il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi dak illi hallas kellu jaghti bhala debitur principali qabel dejn li kellu jaghti bhala garanti ta' hadd iehor;

Illi, b' digriet moghti minn din il-Qorti fid-19 ta' Lulju 2005 li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. 'F', din il-Qorti idderigiet lil atturi jekk jidhrilhom ipprocedu skond il-Ligi;

Talbu li s-socjeta’ konvenuta ghar-ragunijiet fuq imsemmija tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi illi, is-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda raguni valida fil-Ligi ghaliex topponi l-izbank mitlub mill-atturi, u
2. Tawtorizza lil atturi jizbankaw is-somma depozitata permezz tac-cedola ta' depozitu numru 138/02 fl-ismijiet "MJS Properties Limited vs Bank of Valletta pIc. vs J.V .C. Vella & Company Limited" kwantu ghal mitt elf Liri Maltin (Lm100,000) mis-socjeta' attrici Bank of Valletta pIc., u kwantu hmistax-il elf Liri Maltin (Lm15,000) konguntement mill-atturi George, Joseph u Paul ahwa Micallef;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta Ii hija minn issa ngunta sabiex tidher ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista ta’ xhieda tal-atturi;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta J.V.C. Vella & Co Limited, li *in forza* taghha hija eccepiet :

1. Illi preliminarjament din il-kawza ghar-ragunijiet hawn taht indikati ghandha tistenna l-ezitu ta' kawza ohra Cit 17/04 GCD differita ghat-28 ta' April 2006;
2. Illi s-socjeta' eccipjenti topponi it-taIba ghall-izbank ghaliex tikkontendi illi ma hemm intitolament mill-atturi biex jizbankaw. L-isfond huwa kostituzzjoni ta' debitu fejn Chequers Inn Operators Limited u s-socjeta' konvenuta J.V.C. Vella & Co Limited huma garanti ghal debitu pretiz mill-Bank kontra socjeta Travellers Lodge Co Limited. Illi kien hemm liberazzjoni ta' art f'Regional Road, San Gwann f' Atti ta' Subbasta Numru 48/98 versu l-prezz ta' sitta u tmenin elf Lira Maltin (Lm 86,000) gia' proprieta' tas-socjeta' Chequers Inn Operators Limited qabel il-liberazzjoni; illi kien hemm ukoll atti ta' subbasta numru 71/99 fejn gew liberati korp ta' appartamenti f'Amery Street, Sliema gia' proprieta' tas-socjeta' konvenuta qabel il-liberazzjoni J.V.C. Vella & Co Limited fejn qed jintalab l-izbank ta' Lm 115,000 mertu ta' din il-kawza;
3. Illi l-qofol ta' l-eccezzjoni hija qabel ma jigi ccarat I-intitolament ghall-izbank, in vista ta' dawn iI-cross guarantees, ghandu jigi l-ewwel stabbilit kontra liema

debiti ghandhom jigu appropriati ghaliex nuqqas ta' dan jista' jikkawza pregudizzju serju lill-grupp ta' socjetajiet tad-debitur li qieghed jiddefendi Atti ta' Subbasta kontra lukanda fil-Qawra u ghalhekk ghandu interess li jara li dan isir skond il-Ligi u fl-ahjar interess tieghu u mhux fl-ahjar interess tal-Bank;

4. Illi l-kontenzjoni tas-socjeta' konvenuta hija illi dawn ir-rikavati ma gewx appropriati kontra d-debiti li kienu jiggarantixxu bhala debitu principali u skond il-Ligi. L-esponenti tikkontendi illi l-ammont ta' sitta u tmenin elf (Lm 86,000) li gew zbankati mill-Bank of Valletta messhom gew appropriati jew riflessi kontra d-debitu prezenti u ma gewx ghaliex il-Banka attrici appropriathom kontra debiti ohrajn minghajr gustifikazzjoni;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, din il-Qorti ghandha bl-akbar rispett tivverifika jekk hemmx intitotalment ghall-izbank minhabba dawn il-cross guarantees; illi fir-risposta taghha meta sar ir-Rikors ghall-izbank, l-esponenti issottomettiet illi tapproprija l-ammont akkont ta' debitu ta' Travellers Lodge Co Limited, tant illi giet istitwita procedura Cit 17/04 GCD pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fejn qed tigi impunjata Subbasta tal-Lukanda Travellers Lodge proprju ghaliex ma giex stabbilit bi kjarezza kontra liema garanziji il-flus li gew zbankati diga' u dawk li qed jintalab l-izbank taghhom ghandhom jigu appropriati. L-atturi ahwa Micallef ma jistghux jippregudikaw billi jassumu li ghandhom dritt jisbankaw meta l-ammont ghandu jigi appropriate kontra debiti ohrajn;

Salvi eccezzjonijiet ohra

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' konvenuta J.V.C. Vella & Co Limited;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat il-provi li gew prodotti, id-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi s-socjeta’ konvenuta ma ressqitx provi;

Semghet it-trattazzjoni tal-avukat difensur ta’ l-atturi;

Rat illi s-socjeta’ konvenuta ghogobha ma titrattax;

Rat illi l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi gie mibjugha proprjeta bi procedura tas-subbasta; liema proprjeta kienet tappartjeni lis-socjeta’ J.V.C. Vella & Co. Ltd. U fid-19 ta’ Lulju 2005 il-Qorti kienet ordnat lill-Bank of Valletta jipprocedi sabiex ikompli bil-proceduri biex ikun jista jizbanka l-ammont ta’ mija u hmistax il-elf lira depozitati il-Qorti permezz ta’ att ta’ cedola numru 138/2002.

Illi fis-7 ta’ Dicembru 2004 il-Bank of Valletta ipprezentat rikors ghall-isbank tas-somma ta’ mitt elf lira (LM100,000), filwaqt illi George, Joseph u Paul ahwa Micallef ipprezentaw rikors sabiex jizbankaw is-somma ta’ hmistax il-elf lira Maltin.

Illi s-socjeta’ J.V.C. Vella & Co. Ltd. Ipprezentat risposta fejn opponiet it-talba li saret fir-rikors ghall-izbank.

Illi sar bejgh iehor b’subbasta illi gie mizmum fit-28 ta’ Novembru tas-sena 2008 ta’ proprjeta li kienet tappartjeni lil Chequers Inn Operators Limited u il-prezz tal-liberazzjoni kien ta’ sitt u tmenin elf lira Maltin (LM86,000).

Illi xehed Anthony Mario Vella ghas-socjeta’ konenuta in subizzjoni u xehed illi il-bank talab li jizbanka is-somma ta’ mija u hmistax il-elf lira (LM115,000) illi kienu provenjenti minn bejgh in subbasta tal-proprjeta konvenuta u l-istess socjeta’ konvenuta opponiet illi l-bank u l-ahwa Micallef jirtiraw is-somma ta’ mija u hmistax il-elf lira Maltin (LM115,000). Mistoqsi fuq liema bazi s-socjeta’ konvenuta qeghda topponi illi l-atturi jirtiraw dawn il-flus ix-xhud kien evaziv ferm fid-domandi tieghu, izda finalment xehed illi huwa kien ghamel kuntratt il-head office tal-bank

ma Dr Borg Olivier u sebghin elf lira (LM70,000) mill-flus tieghu ma intefghux fil-kont tieghu u ghalhekk xehed illi qatt ma kellha issir is-subbasta. Ix-xhud qal illi dan kollu gara fis-snin bejn 1991 u l-1992 ghaliex ma ftakarx id-data ezatt. Ix-xhud ammetta illi saret kawza li rebahha il-bank kontra s-socjeta' konvenuta u illi wara illi inghatat is-sentenza is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx. Ix-xhud Anthony Mario Vella kompla jixhed illi huwa kien sar jaf illi l-flus li kien qieghed ihallas il-bank kien tefaghhom f'kont iehor u semma lil certu Ray Aquilina li jahdem il-bank illi skond hu ghamel hekk. Ix-xhud allega illi meta inbieghet il-proprjeta bis-subbasta kien hemm xi tahwid u l-proprjeta inbieghet anqas milli fil-fatt kienet tiswa.

Ikkunsidrat :

Illi a fol. 317 tal-process giet esebita Nota tal-konvenuti fil-kawza Citazz Nru 695/95 GCD fl-ismijiet Paul Gambina ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta Limited vs Anthony Mario Vella ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali J.V.C. Vella and Company Limited u Anthony Mario u Carmen mizzewgin Vella, u permezz ta' din in-Nota il-konvenuti ammettew it-talba kif ridotta ghas-somma ta' mija u hames telef disa mija u ghaxar liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (LM105,910.92.0) salv imghaxijiet mit-12 ta' Settebru 1995 sal-jum tal-pagament effettiv.

Illi meta gie muri dan id-dokument Anthony Mario Vella, waqt illi irrikonoxxa il-firma tieghu fuq l-istess dokument, xehed illi huwa iffirma din in-nota minghajr ma ra l-ammont u cioe' is- somma ta' mija u hames telef disa mija u ghaxar liri Maltin u tnejn u disghin centezmu (LM105,910.92.0).

Illi kopja legali ta' din l-istess Nota ta' Ammissjoni giet esebita a fol. 323 tal-process.

Illi l-Qorti rat in-Nota ta' Dr Patrick Galea u tal-PL Sharon Mizzi tat-12 ta' Marzu 2008 li permezz taghha irrinunzjaw ghall-patrocinju tas-socjeta' konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta illi l-bank attur, kif ukoll l-atturi l-ahwa Micallef kienu kredituri tas-socjeta’ konvenuta. Irrizulta wkoll illi inbieghet proprjeta tas-socjeta konvenuta bis-subbasta u din il-proprjeta gabet il-prezz ta’ mija u hmistax il-elf lira Maltin (LM115,000).

Illi l-bank attur appropja il-pagamenti fil-kont tad-debitur principali u mhux fil-kont tal-garantor u ipprova jaghmel hekk ukoll fil-kawza odjerna.

Illi s-socjeta’ konvenuta opponiet illi l-atturi jizbankaw l-ammont dovut lilhom mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi s-socjeta’ konvenuta ma irrnexxielhiex tippova illi ghamlet xi forma ta’ pagament lill-atturi u ghalhekk jirrizulta illi s-somma kollha ghadha dovuta lill-atturi mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat :

Illi l-ewwel eccezzjoni illi tat is-socjeta’ konvenuta kienet illi din il-kawza ghandha tistenna l-ezitu ta’ kawza ohra Citazz Nru 17/2004 differita ghat-28 ta’ April 2006.

Illi it-tieni eccezzjoni illi tat is-socjeta’ konvenuta kienet fis-sens illi hija qeghda topponi it-talba tal-izbank ghaliex tikkontendi illi ma hemmx intitolament mill-atturi biex jizbankaw u bhala sfond semmiet kostituzzjoni ta' debitu fejn Chequers Inn Operators Limited u s-socjeta' konvenuta huma garanti ghal debitu pretiz mill-Bank kontra socjeta Travellers Lodge Co Limited.

Illi t-tielet eccezzjoni hija fis-sens illi qabel ma jigi ccarat l-intitolament ghall-izbank, in vista tal-cross guarantees, ghandu jigi l-ewwel stabbilit kontra liema debiti ghandhom jigu appropriati ghaliex nuqqas ta' dan jista' jikkawza pregudizzju serju lill-grupp ta' socjetajiet tad-debitur li

qieghed jiddefendi Atti ta' Subbasta kontra lukanda fil-Qawra.

Illi r-raba eccezzjoni hija illi ir-rikavati tas-subbasti ma gewx appropriati kontra d-debiti li kienu jiggarantixxu bhala debitu principali u skond il-Ligi u il-hames eccezzjoni hija li l-Qorti ghandha tivverifika jekk hemmx intitotalment ghall-izbank minhabba dawn il-cross guarantees u regghet issemmiet il-kawza Citazz Nru 17/04 fejn kienet qeghda tigi impunjata is-Subbasta tal-Lukanda Travellers Lodge proprju ghaliex ma giex stabbilit bi kjarezza kontra liema garanziji il-flus li gew zbankati diga' u dawk li qed jintalab l-izbank taghhom ghandhom jigu appropriati.

Illi l-Qorti rat illi l-kawza Travellers Lodge Company Limited kontra Bank of Valletta plc giet deciza minn din il-Qorti fl-4 ta’ Dicembru 2007. Illi f’dik il-kawza Travellers Lodge Company Limited ippretendiet illi ir-rikavat ta’ bejgh li sar in subbasta ta’ proprjeta appartendenti lilha kellu jigu imputat mhux ghad-dejn li ghall-ezekuzzjoni tieghu kien sar il-bejgh, izda ghad-dejn taghha.

Illi il-Qorti f’dik il-kawza iddecidiet illi l-pretenzjoni tas-socjeta’ attrici tmur kontra l-principju tal-imputazzjoni tad-dejn kif irid l-Art. 1171(*e*) tal-Kodici Civili. Il-Qorti cahdet it-talbiet tas-socjeta’ attrici, ikkundannatha thallas l-ispejjez kollha tal-kawza u billi kienet tal-fehma li c-citazzjoni li biha infethet il-kawza kienet wahda fierha u vessatorja, mahsuba biss biex ittawwal il-proceduri u tahli l-hin tal-Qorti, il-Qorti wara li rat il-paragrafu 10(1) tat-Tariffa A mehmuza mal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili ikkundannat lis-socjeta’ attrici thallas lir-Registratur spejjez addizzjonali ta’ hames mitt lira Maltin (LM500).

Ikkunsidrat :

Illi meta xehed Mario Anthony Vella in subizzjoni ma issostanzja xejn minn dak li kien qieghed jallega u cioe’ li l-bank ma setghax jizbanka sabiex ihallas akkont debitu tas-socjeta’ konvenuta, izda se mai tas-socjeta’ ohra

tieghu u cioe' is-socjeta' Traveller's Lodge Company Limited.

Illi il-Bank ipproduca id-dokumentazzjoni kollha li turi li huwa ghandu titolu validu fil-ligi sabiex jizbanka u minn din is-somma jithallas akkont id-dejn tas-socjeta konvenuta.

Illi din il-Qorti, kif rat din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet Traveller's Lodge Company Limited vs Bank of Valletta p.l.c. deciza fl-4 ta' Dicembru 2007, tara illi il-pretensjoni tas-socjeta konvenuta li tiddeciedi hi akkont ta' liema dejn ghandu jmur l-izbank, imur kontra l-principju tal-imputazzjoni tad-dejn kif irid l-artikolu 1171(e) tal-Kodici Civili illi jghid hekk:

"Il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi dak illi hallas kellu jaghti bhala debitur principali jew bhala obligat wahdu qabel dejn li kellu jaghti bhala garanti ta' haddiehor jew bhala debitur in solidum ma' debituri ohra."

Illi l-pretenzjonijiet tas-socjeta' konvenuta huma tant frivoli illi il-Qorti ma tistax ma tasalx ghall-konkluzjoni illi l-oppozizzjoni tas-socjeta' konvenuta ghall-izbank sar in mala fede u kien ghalhekk illi l-atturi kellhom jifthu din il-kawza.

Illi ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti qeghda tatqa u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attrici kif dedotti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------